# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Jannar, 2022.**

**Numru 36**

**Rikors numru 60/11/1 GM**

**Kerstin Sant**

**v.**

**Trelleborg Sealing Solutions Malta Limited (C 388)**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mill-attur Kerstin Sant, fil-21 ta' Jannar, 2011, li permezz tiegħu ngħad hekk:

> "1. Illi r-rikorrenti jaħdem bħala "technician" mas-soċjeta` intimata.
>
> 2. Illi fit-22 ta' Jannar 2009 l-esponenti sofra danni fuq il-persuna tiegħu waqt li kien qed jaħdem fil-fabbrika tal-imsemmija soċjeta` mittenti li tinsab f'Industrial Estate, Ħal Far.
>
> 3. Illi dan l-inċident ġara unikament tort tas-soċjeta` konvenuta.

4. Illi b'konsegwenza ta' dan l-inċident, id-danni sofferti mir-rikorrenti ġew ċertifikati mill-konsulent ortopediku Mr. Carmel Sciberras MD FRCS bid-disabilita` ta' disa' perċentwali, kopja taċ-ċertifikat mediku qed tiġi hawn annessa u mmarkata Dok. A.

5. Illi nonostante diversi interpellazjonijiet lis-soċjeta` intimata biex tersaq għall-likwidazzjoni u ħlas tad-danni sofferti mir-rikorrenti, inkluż anke permezz ta' ittra uffiċjali datata 18 ta' Ġunju 2010, s-soċjeta` intimata baqgħet inadempjenti.

Għaldaqstant, l-attur jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha għar-raġunijiet premessi:

1. Tiddikjara illi l-inċident li ġara fit-22 ta' Jannar 2009 fil-fabbrika tas-soċjeta` intimata li fih ir-rikorrenti sofra danni fuq il-persuna tiegħu ġara unikament tort tas-soċjeta` konvenuta;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-istess rikorrenti fuq il-persuna tiegħu occorrendo bl-opera ta' perit nominandi;

3. Tikkundana lis-soċjeta` intimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjeż inkluż dawk ta' l-ittra uffiċjali datata 18 ta' Ġunju 2010 u bl-imgħax skond il-liġi sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenuta inġunta in subizzjoni".

2. Rat ir-risposta ġuramentata ppreżentata mis-soċjeta` konvenuta Trelleborg Sealing Solutions Malta Limited, fl-4 ta' Marzu, 2011, li permezz tagħha ġie eċċepit is-segwenti:

"Illi l-eċċipjenti tiċħad li għandha responsabilita` għall-inċident tat-28 ta' Jannar 2009, liema inċident seħħ għar-raġunijiet li għalihom ma taħtiex l-istess soċjeta` u konsegwentement it-talbiet tal-attur għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż.

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-soċjeta` tikkontesta wkoll il-grad ta' diżabilita` li ġie ċertifkat mill-konsulent tal-attur.

Fit-tielet lok u mingħajr preġudizzju għas-suespost, stante li l-inċident sar fl-2009 u r-rikors ġuramentat ġie introdott f'2011, sentejn wara l-inċident, fl-eventwali każ li l-Qorti tiddeċiedi li għandu jkun hemm xi grad ta' responsabilita` addebitat għas-soċjeta` eċċipjenti, hija m'għandiex

tiġi preġudikata minħabba d-dewmien tal-attur fil-benefiċċju tal-*lump sun deduction*.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri".

3. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-20 ta' Mejju, 2021, li permezz tagħha l-kawża ġiet deċiża fis-sens illi: (I) Iddikjarat illi l-inċident li ġara fil-fabbrika tas-soċjeta` konvenuta fit-22 ta' Jannar, 2009, seħħ unikament tort tas-soċjeta` konvenuta Trelleborg Sealing Solutions Malta Limited; (2) illikwidat id-danni sofferti mill-attur fis-somma ta' €68,753.60; u (3) ikkundannat lis-soċjeta` konvenuta Trelleborg Sealing Solutions Malta Limited tħallas lill-attur is-somma ta' €68,753.60. Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali datata 18 ta' Ġunju, 2010 u bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-eventwali ħlas effettiv.

4. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Din hija kawża dwar korriment fuq il-post tax-xogħol. L-attur jallega waqt li kien impjegat tas-soċjeta` konvenuta u kien qiegħed jagħmel ix-xogħol li kien ġie mqabbad jagħmel fit-22 ta' Jannar 2009, sofra ġrieħi fuq il-persuna tiegħu. Waqt dan l-inċident kien qed jaħdem fil-fabbrika li s-soċjeta` konvenuta għandha fil-Qasam Industrijali ta' Hal Far. Is-soċjeta` konvenuta tikkontesta t-talbiet tal-attur u ssostni li għall-inċident jaħti biss l-attur, li bħala technician ta' esperjenza kellu jġorr ir-responsabilita` tax-xogħol li kien qiegħed jagħmel.

<u>Obbligu tal-employer li jipprovdi post sikur</u>

Il-liġi torbot lill-imprenditur biex fit-tħaddim tal-ażjenda tiegħu jieħu dawk il-miżuri li skont ix-xogħol partikolari, l-esperjenza u t-teknika, ikunu meħtieġa biex iħarsu l-integrita fiżika tal-impjegati. Dan permezz ta' komportamenti kemm attivi kif ukoll omissivi. L-obbligu tat-tutela jestendi mhux biss għall-makkinarju u attrezzatturi pprovduti mill-employer, imma testendi għall-fażi dinamika tal-espletament tax-xogħol

u għall-miżuri meħtieġa sabiex jiġu evitati l-inċidenti. Għalhekk l-employer jinħtieġ mhux biss jieħu l-miżuri partikolari tassattivament imposti mil-liġi dwar it-tip t'attivita` eżerċitata, imma wkoll dak dettati mill-prudenza komuni, kif ukoll dawk il-miżuri kollha li, fil-konkret, ikunu meħtieġa għall-ħarsien tal-persuna tal-ħaddiem fuq il-post tax-xogħol, skont l-attivita` partikolari, l-esperjenza u t-teknika.

Jinkombi fuq l-employer jipprova li jkun ottempera ruħu mal-obbligu tiegħu li jħares l-integrita` psikofiżika tal-impjegat. Il-preżunzjoni ta' ħtija hija kontrih, sakemm ma jippruvax li l-ħaddiem ikun naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għall-prekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu ikun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-ħaddiem, bi traskuraġni jew b'rieda, ikun hu nnifsu ġab l-effetti tal-inċident b'idejh.[1] B'danakollu l-*employer* xorta waħda jrid jieħu miżuri kawtelatorji kontra n-nuqqas t'attenzjoni tal-impjegat għar-riskji fuq il-post tax-xogħol. Fi kliem Lord Oaksey[2] "*it is, I think, well known to employers… that their workpeople are very frequently, if not habitually, careless about the risk which their work may involve… Employers are not exempted from this duty by the fact that their men are experienced and might, if they were in a position of an employer, be able to lay down a reasonably safe system of work themselves. Workmen are not in the position of employers. Their duties are not performed in the calm atmosphere of a board room with the advice of experts. They have to make their decisions on narrow sills and other places of danger and in circumstances where the dangers are obscured by repetition*". Il-miżuri ta' ħarsien li jridu jittieħdu jvarjaw skont il-ħaddiem partikolari.

B'riferenza għall-attur, jgħodd b'mod partikolari dak li qal Lord Radcliffe[3] li: "*an experienced man dealing with a familiar and obvious task may not reasonably need the same attention or the same precaution as an inexperienced man who is likely to be more receptive of advice or admonition*."

Min-naħa l-oħra, sta għall-impjegat li jipprova n-ness ta' kawżalita` bejn l-event dannuż u l-espletament tal-prestazzjoni lavorattiva.[4]

Minn dak imsemmi hawn fuq joħroġ ċar li min iħaddem għandu dejjem juża d-diliġenza ta' *bonus pater familias* li tikkonsisti filli jipprovdi *a safe system of work* għaliex altrimenti jkun responsabbli għall-eventwali danni. Huwa ċertament responsabbli għal danni min jimpjega b'mod li:

1. Ix-xogħol kien jinvolvi riskju ta' korriment li seta' jkun raġjonevolment previst.

---

[1] Raymond Barbara v Sammy Meilaq 16.11.2010 Prim'Awla.

[2] House of Lords, General Cleaning Contractors Ltd v Christmas – 1953.

[3] Fis-sentenza Qualcast (Wolverhampton) Ltd v Haynes (1959) iċċitata minn Winfield & Jolowicz, Tort, 18th ed. (sena 2010) minn W.V.H. Rogers para 8-15, paġna 433.

[4]Cass. 21.12.1998 n. 12763 – iċċitata fl-Opra Responsabilita` Civile, diretta minn Paolo Cendon, - Kapitlu CLXXIV La Responsabilita` del datore di Lavoro, miktuba minn Valeria Vagnoni -Vol III, paġna 4015, ippubblikata fit-2017.

2. Ir-riskju kien il-kawża tal-korriment.

3. Tali riskju seta' ġie evitat.

Huwa daqstant importanti fil-kuntest ta` responsabbilita` li l-ambjent kollu fejn jaħdmu l-impjegati jkun tali li jwarrab l-iċken possibilita` ta` infortunji fuq ix-xogħol. Dan l-obbligu huwa ġeneralment rikonoxxut bħala dmir tal-*employer* li jipprovdi '*a safe place of work*.'[5]

Hemm erba' prinċipji bażiċi dwar is-sigurta` fuq il-post tax-xogħol. Dawn huma:

*i. the employer must ensure that the employee knows the dangers.*

*ii. the employer must ensure that the employee knows the precautions to be taken against these dangers.*

*ii. the employer must ensure that the precautions are available.*

*iv. the employer must ensure that the employee knows these precautions are available*.[6]

It-tendenza riċenti tal-Qrati tagħna, issa msaħħa wkoll minn leġislazzjoni iktar moderna u konsonanti maż-żminijiet, hija li hemm kważi preżunzjoni illi nċident industrijali jiġri għaliex ma kienx hemm *a safe system of work*.

Huwa faċli għal dak li jipprovdi x-xogħol illi jwaħħal fl-impjegat għaliex uża għodda mhux koperti minn apparat ta' sigurta` iżda fuq kollox l-impjegat ikun qed jaħdem għall-aħjar ta' min jagħtih ix-xogħol u minflok ma jgerger u jilmenta mill-għodda jkun medd idejh għax-xogħol. Mhux sew li wieħed jattribwixxi xi tort lill-attur u ngħidulu li kien aħjar kieku ħasel idejh.[7]

*Employer* illi jkun jaf li fil-makkinarju tiegħu hemm periklu u ma jieħu l-ebda passi biex jirrimedja għal dan jesponi ruħu għall-konsegwenzi legali li joħorġu minn dan. L-*employer* għandu jipprepara x-xogħol sew u jikkunsidra l-fatt li l-istess ħaddiema ġieli jittraskuraw ir-riskji involuti fix-xogħol tagħhom ta' kuljum.[8]

Lord Wright iddeksriva n-natura ġenerali tal-obbligu tal-*employer* lejn l-impjegat b'dan il-mod: "*I think the whole course of authority consistently*

---

[5] Kif tajjeb osservat l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża Bugeja vs Montanaro Gauci, deċiża fl-14 ta` Mejju, 2004.
[6]Fil-kawża fl-ismijiet Grezzju Scicluna vs C. Cini & Sons Limited10, din il-Qorti diversament ippreseduta ċċitat l-awtur Whincup mill-ktieb Modern Employment Law li jelenka.
[7]Din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet D'Anastasi vs Enemalta Corporation deċiża fit-28 ta' Ġunju, 2005 qalet:
[8] Kif irriteniet ukoll din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet Schembri vs Caruana nomine deċiża fit-12 ta' Jannar, 1983.

*recognizes a duty which rests on the employer and which is personal to the employer, to take reasonable care for the safety of his workmen, whether the employer be an individual, a firm or a company, and whether or not the employee takes any share in the conduct of the operations*."[9]

Wieħed irid jikkunsidra l-atmosfera fil-post tax-xogħol, id-diffikultajiet li jsib il-ħaddiem fil-każ tax-xogħol tiegħu, il-ħinijiet twal, l-għaġġla fix-xogħol, nuqqas ta' għajnuna minn ħaddiema oħra li jkunu nkarigati biex jaħdmu miegħu fuq dan ix-xogħol; dawn huma kollha fatturi li min iħaddem irid jikkunsidra meta jkun qed jippjana l-lant tax-xogħol u joħloq dak li komunament hu msejjaħ " *a safe system of work*."[10]

Hawnhekk, ta' min igħid ukoll, li hija relevanti ħafna għall-każ odjern li, kif irrimarka l-perit tekniku, l-attur ma kellux l-esperjenza meħtieġa biex jagħmel ix-xogħol ta' tindif tal-magna. Jirriżulta wkoll li l-attur kien qed jagħmel ix-xogħol fuq il-makkinarju, mingħajr osservanza ta' xi ħadd b'esperjenza, meta jista' jkun li jekk kien hemm xi ħadd ta' aktar esperjenza minnu jgħin lill-attur, il-periklu tar-riskju seta' ġie ridott b'mod konsiderevoli.

Fatti

L-attur intgħażel bħala apprendist mis-soċjeta` intimata f'Awwissu 2017 waqt li kien għadu jistudja fl-MCAST. Ġie mpjegat fultajm f'Ottubru 2008. Meta seħħ l-inċident ċjoe` f'Jannar 2009 kien ilu biss 3 xhur fl-impjieg tiegħu. Kien qiegħed inaddaf *injection moulding machine*, assistit minn apprendist bl-isem ta' Jonathan Vella. Operazzjoni li kien jagħmel xi tliet darbiet fil-ġimgħa. Il-proċess ta' tindif kien isir meta l-materjal li jkun qed jintuża' fil-*production* ikun irid jinbidel għal tip ieħor. M'hemmx nuqqas ta' qbil dwar il-mod kif l-attur iddeskriva li kellu jsir it-tindif. Il-kontestazzjoni hi kkonċentrata fuq l-użu tas-*switches* li ntużaw biex isir dan il-proċess ta' tindif.

Fil-ġerarkija tar-responsabilita`, l-Inġinier Neville Grima kien is-superjur tal-attur li għalhekk kien jirraporta lilu.

Il-proċess ta' tindif kellu riskju inerenti fih għaliex kien jirrikjedi li ċerti *safeties* tal-magna jiġu mitfija għaliex inkella t-tindif ma setax isir.

*Maintenance* tal-magna

L-Inġinier Grima xehed li ma kinitx issir *preventive maintenance* fuq il-magna in kwistjoni għaliex ma kellux nies biżżejjed biex jagħmluha. Kien isir intervent fuqha biss meta jkun hemm xi *fault*. Qal li kieku saret il-manutenzjoni meħtieġa, l-cable li huwa allega li kien inqala' mis-

[9] In Wilsons &Clyde Coal Ltd vs English Charlesworth igħid ukoll (ibid. para, 1032): Ara wkoll Lawrence Caruana vs Karmenu Penza noe deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ġunju 2003.
[10] Fi Schembri vs Caruana noe, deciza mill-Prim'Awla fit-12 ta' Jannar 1983.

*switch* ma kienx jinqala'. Ix-xogħol ta' *preventive maintanace* kien isir biss fuq magni iktar sofistikati.

*Risk assessment*

Fl-ewwel rapport tiegħu, l-Inġinier Claude Farrugia jgħid li Trelleborg ma kellhomx *risk assessment report* fuq l-operazzjoni ta' tindif li kien qed jagħmel l-attur. L-espert tekniku tal-Qorti l-Inġinier Cuschieri nnota li ma kienx hemm dokumentazzjoni tat-*training* li kien ingħata l-attur. Mix-xhieda ta' Fiona Darmanin innota li għalkemm kellha l-pożizzjoni ta' *Health and Safety manager* qatt ma kienet ikkummissjonat *risk assessment* tal-magna. Kien iktar moħħha li tiżgura li kien jiġi użat *safety clothing u safety gear*. F'dan il-każ dawn ftit kienu jagħmlu differenza biex jiġi evitat l-inċident. Xehdet li ma kienx hemm perikli identifikati f'dan il-proċess ta' tindif. Skontha, għal Trelleborg il-magni li kien hemm fil-produzzjoni kienu kkunsidrati kollha siguri. Stqarret li Trelleborg tħalli f'idejn l-impjegat biex jiddeċiedi jekk xi ħaġa tkunx perikoluża jew ta' riskju jew le u hija wkoll responsabilita` tal-impjegat li jekk jara xi ħaġa li tkun perikoluża jirraporta. Qalet ukoll li l-Inġinier li ġabet Trelleborg biex jagħmel *risk assessment*, ma rriżultalux li kien hemm xi riskju fuq il-magna li sar l-inċident fuqha. Dan huwa kontra dak li ntqal fix-xhieda ta' Claude Farrugia. Ix-xhud ma kinitx taf li nbiddlu xi *switches* fuq il-magna, u wisq inqas ir-raġuni l-għala u meta nbidlu. Tefgħet ir-responsabilita` tal-*assessment* tekniku fuq Neville Grima u sostniet li r-responsabilita` tagħha kienet li tikkordina biss.

Xogħol perikoluż

Rapael Stafrace kkonferma li fix-xogħol li kien qed jagħmel l-attur bilfors hemm element ta' periklu għaliex biex tnaddaf il-magna trid taqla' xi wħud mis-*safety features* u għalhekk dan it-tip ta' xogħol imissu jsir minn tnejn min-nies bl-esperjenza u mhux bniedem waħdu li ma tantx kellu esperjenza.

L-opinjoni tal-espert tekniku

Il-perit tekniku irrelata li għalkemm l-attur kien ingħata taħriġ ġenerali, dan ma kienx adekwat a proporzjonali mar-riskju involut. Il-mod kif l-attur jiddeskrivi d-dinamika tal-inċident juri li huma ma jifhimx eżatt kif jaħdmu l-*hydraulics* tal-magna. Ma ra xejn stramb f'dan ir-rigward għaliex il-livell tekniku li l-attur ġie mgħallem huwa limitat u għalhekk għalkemm kien ġie mħarreġ fil-proċedura ta' kif kellha titnaddaf il-magna, ma kienx mgħallem bis-sistema iktar komplikata ta' kif taħdem il-magna. Huwa jaf li kien qiegħed jimxi mal-proċedura li kien mgħallem biha qabel ma sar l-inċident u pprova jagħti spjegazzjoni kif sar. Filfatt l-attur wara li jispjega l-proċess tat-tindif, jipprova jispjega kif seta' ġara l-inċident. L-attur ma kellux tagħrif u edukazzjoni teknika biżżejjed biex seta' jifhem id-dinamiżmu tal-magna u jinduna u jagħti spjegazzjoni teknika ta' kif seħħ l-inċident. L-espert tekniku qabel mal-verżjoni tal-attur li mexa mal-proċedura tas-soltu biex jagħmel dan ix-xogħol.

Il-perit tekniku studja bir-reqqa l-mod kif taħdem il-magna. Segwa l-filmati li ħa waqt it-tieni access. Ikkonkluda li l-inċident seħħ billi meta l-attur poġġa s-switch ta' isfel għall-pożizzjoni *manual,* is-*switch* ta' fuq kien fuq il-pożizzjoni n-naħa tax-xellug 'F' (*Forward*) u li dan ikkaġuna l-injection unit b'kollox, inkluż t-tieni *hydraulic jack* li jersaq lejn il-head tal-magna. Dak iż-żmien, dan is-*switch* fil-pożizzjoni tax-xellug kien jibqa' jżomm il-pożizzjoni tiegħu u ma jintefiex (jiġi f'pożizzjoni 'O') waħdu. Meta s-*side hydraulic jacks* jaħdmu wieħed wieħed joħorġu b'veloċita` doppja meta jaħdmu flimkien waqt il-production għaliex il-flow tal-*hydraulic oil* mill-*hydraulic pumps* (mutur) jibqa' l-istess iżda flok jinqasam bejn żewġ *jacks* imur dritt f' wieħed minnhom. Għalhekk il-ħin li kien hemm bejn li jingħalaq il-*guard* u l-*jack* jasal mal-*head* fejn inqabad is-saba' tal-attur kien wieħed qasir ta' ftit sekondi. Il-pressjoni taż-żejt ma għandha x'taqsam xejn mal-veloċita` li joħroġ il-*hydraulic jack*, iżda huwa l-*flow rate* tal-*hydraulic oil* li tikkontrolla dan. Il-pressjoni tidħol fis-saħħa li *hydraulic jack* jagħmel. Din żgur hija ħafna ikbar milli jiflaħ s-saba' ta' bniedem.

L-uniku żball mhux konxju li għamel l-attur kien li wara li qabbad l-ewwel *hydraulic jack*, kien ħalla s-switch ta' fuq fil-pożizzjoni 'B' ċjoe' fil-pożizzjoni fejn is-*switch* kien jillokja f'din il-pożizzjoni u nsih hemm. Meta għalaq l-*guard,* l-*injection unit* beda awtomatikament miexi u qabadlu sebgħu taħt il-*flange* tal-*hydraulic jack*. Dan l-iżball mhuwiex riżultat ta' abbuż ta' proċess jew li ma ttieħdux il-prekawzjonijiet neċessarji, iżda kien riskju inerenti fil-proċess ta' tindif li kellu jsir. Żball li seta' jagħmlu kulħadd speċjalment xi ħadd b'esperjenza limitata ta' tliet xhur.

Għalhekk jirriżulta illi l-inċident seħħ unikament minħabba li s-soċjeta` konvenuta naqset milli tipprovdi post tax-xogħol sikur. L-attur ma jaħti xejn għall-inċident.

Rata ta' diżabilita`

Imiss li jiġi stabbilit il-persentaġġ ta' diżabilita` li sofra l-attur bħala konsegwenza tal-inċident. L-attur ippreżenta rapport ex parte redatt minn Mr Charles Sciberras fejn ikkonstata illi peress li l-attur tilef l-ewwel parti ta' sebgħu l-werrej t'idu x-xellugija, huwa għandu diżabilita` permanenti sinifikanti u attribwixxa persentaġġ ta' diżabilita` ta' 9%.[11]

L-espert tal-Qorti, il-kirurgu Mr Charles Grixti niżżel fir-rapport tiegħu[12] illi l-attur tilef 8 mm mit-tul tas-saba' l-werrej tax-xellug u dan irriżulta f'nuqqas f'parti mis-saba' u *iperesthesia* fil-veru tarf tas-seba' jekk jolqtu ma xi ħaġa iebsa. Hemm ukoll nuqqas ta' saħħa fil-*pinch grip* u fil-*hand grip* tax-xellug kif komparati ma' dik tal-lemin. Din id-diżabilita' tista' taffetwah fil-ħajja ta' kuljum meta jaqbad affarijiet fini kif ukoll affarijiet tqal u b'ċertu forza b'idejh ix-xellugija. Qed jaffettwah ukoll fil-kitba fejn

[11]Dok A Fol 4.
[12] Fol 47.

ikollu juża saba' tan-nofs mas-saba' l-kbir biex iżomm il-pinna jew biro. Attribwixxa diżabilita' permanenti ta' 5%.

L-attur talab l-ħatra ta' periti mediċi addizzjonali wara l-imsemmi r-rapport redatt minn Mr Charles Grixti.

Ġew maħtura tlett esperti mediċi addizzjonali – Mr Ray Gatt, Mr Massimo Abela u Mr Jason Zammit li nvistaw lill-attur fl-10 t'Awwissu 2012 u ċjoe` tliet snin wara li seħħ l-inċident. Mill-eżami kliniku li għamlu juri oġġettivament li l-attur għadu ħafna sensittiv u qiegħed jinjora s-saba' waqt l-użu tal-id u fil-fehma tagħhom l-attur sofra diżabilita' permanenti ta' 8% bħala riżultat tal-inċident ta' Jannar 2009.[13]

Il-Qorti ma tarax li hemm raġuni l-għala għandha titbiegħed mill-konklużjoni ta' dawn l-esperti maħtura minnha stess. Filwaqt li r-rapporti ex-parte għandhom ukoll effett probatorju, bħar-rapporti tal-esperti tal-Qorti, il-Qorti hija iktar propensa li toqgħod fuq u taddotta l-parir tal-esperti tagħha li barra li jkunu kompetenti, ikunu wkoll indipendenti. Kif intqal b'awtorita` mill-Qorti tal-Appell, rapporti ta' periti tekniċi "ġeneralment (jagħmlu) prova nkonfutabbli għad-determinazzjoni tal-kawża."[14]

Għalhekk il-Qorti sejra tatribwixxi rata ta' diżabilita` permanenti ta' 8%.

<u>Likwidazzjoni ta' danni</u>

It-test tal-liġi nnifsu juri kif għandhom jitkejlu d-danni: "Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-disposizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għemil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċita` għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-għemil seta' jġib."[15]

Il-kriterju tal-kumpens għal telf ta' qligħ fil-ġejjieni jintrabat sfiq mal-fatt li kull korriment iġib miegħu żvantaġġ li jissarraf f'telf ta' opportunita` għall-vittma li, kieku ma kienx għall-inċident, kienet tkun eliġibbli għalihom, imqar jekk wara l-inċident baqgħet tingħata paga sħiħa jew saħansitra tjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħha."[16]

Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċita`, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia *lucrum cessans*, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjant.

[13] Fol 120.
[14] Alfred Farrugia v Mary Rose Meli, 25.09.2006 Qorti tal-Appell (kolleġjalment komposta).
[15] L-Artikolu 1045(1) tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
[16] App. Ċiv. 7.7.1998 fil-kawża fl-ismijiet Gatt vs Carbone noe (Kollez. Vol: LXXXII.ii.242).

Dannu emerġenti

Mhux kontradett li l-attur ħallas €190[17] f'rapporti u visti mediċi. Għalhekk it-total ta' dan ir-ras ta' danni huwa ta' €190.

Lukru ċessanti

L-attur huwa menomat f'idu x-xellugija. Sal-lum il-ġurnata għadu jevita li juża' s-saba' l-werrej tax-xellug kemm biex jikteb kif ukoll biex jagħmel xi affarijiet personali bħal jaqfel qmis. Ma jħoss xejn fit-tarf tas-saba' u allura ma jużahx. Is-saba' hu sensittiv għall-kesħa speċjalment fix-xitwa. It-tarf għadu mtarrax sal-lum. Meta jolqot il-ponta tas-saba' jħoss *shock* fih. Waqt ix-xogħol tiegħu jkollu jbiddel idu biex juża' ċertu għodda għaliex is-saba' jtellfu. F'xi passatempi kellu jbiddel l-użu tas-saba'.

Multiplikand

Fil-każ preżenti, jidher li l-attur fiż-żmien tal-inċident kellu biss tlieta u għoxrin (23) sena. Tenut kont taċ-*chances of life* tal-ħajja lavorattiva, din il-Qorti se taddotta *multiplier* ta' 35 sena.[18]

L-attur ippreżenta FS3 tas-sena 2009[19] - is-sena illi fiha seħħ l-inċident u tas-sena 2010[20] peress illi dik tal-2009 ma tirriflettix il-paga kollha fl-intier tagħha. Fl-2010, l-attur baqa' jaħdem mas-socjeta` konvenuta. Għalhekk se tittieħed in konsiderazzjoni l-ammont ta' dħul nett ta' €20,296. Din il-paga trid tiġi aġġustata u togħla abbażi tal-għoli tal-ħajja għall-perijodu kollu tal-*multiplier*.[21] Fuq medda ta' 35 sena l-paga tal-attur mistennija tiżdied għal €28,678. Li kieku wieħed kellu jieħu l-medja ta' dan (€20,296 + €28,678 / 2), is-salarju medju tal-attur matul il-perjodu tal-multiplier huwa mistenni li jkun €24,487.

Lump Sum Payment

Illi kif diġa` ngħad minn din l-istess Qorti f'sentenzi oħra:

Illi l-Qorti mhix sejra, kif soltu jsir, tagħmel tnaqqis minħabba li qiegħda tingħata *lump sum*. Tnaqqis bħal dan kien jagħmel sens sa ftit tas-snin ilu meta l-banek kummerċjali kienu jagħtu sa madwar 5% għal depożiti fissi. Li kien ifisser li f'ċerti każijiet, il-vittma kienet tieħu permezz tal-imgħax, somma ekwivalenti għall-paga li kien ikollha li kieku ma seħħx l-inċident; u fl-aħħar mill-aħħar tibqa' bis-somma kapitali f'idejha. Dan iżda mhuwiex il-każ fiż-żminijiet tal-lum, fejn l-imgħax huwa

[17] Fol 26 – 27.
[18] Ara tabella ndikattiva fil-kawża Anthony Azzopardi u ibnu Dominic Azzopardi v Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta – P.A - 8.03.2012.
[19] Dok 24.
[20] Dok 25.
[21] Bħala rata ta' inflazzjoni annwali qed tittieħed ir-rata ta' 1.18%, ir-rata medja tal-inflazzjoni f'dawn l-aħħar 5 snin skont in-National Statistics Office {1.10%(2015) + 0.64%(2016) + 1.37%(2017) + 1.16%(2018) + 1.64% (2019) ÷ 5= 0.96%}.

> prattikament negliġibbli, u l-kapital ikollu "jittiekel"; fi kliem ieħor jiġi kkunsmat.' Iktar u iktar billi issa għaddew tnax-il sena mid-data tal-inċident.[22]
>
> Abbażi tas-suespost, il-*lucrum cessans* għandu jiġi kkalkolat bil-mod segwenti:
>
> Multiplikand = €24,487 x *Multiplier* ta' 35 sena x 8% diżabilita` = €68,563.60.
>
> In vista tal-elenku indikat fil-paragrafu preċedenti, l-ammont ta' danni relattiv għal-*lucrum cessans* hu hekk stabbilit fl-ammont ta' €68,563.60 flimkien mal-ammont ta' €190 bħala *damnum emergens*."

5. Rat ir-rikors tal-appell tas-soċjeta` konvenuta Trelleborg Sealing Solutions Malta Limited, li permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti tvarja s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet premessi tal-20 ta' Mejju, 2021, billi għar-raġunijiet hemm imfissra, tnaqqas il-*lucrum cessans* likwidat mill-ewwel Qorti, bl-ammont ta' €17,481.80. Bl-ispejjeż.

6. Rat ir-risposta tal-attur appellat li wieġeb li l-appell prinċipali għandu jiġi miċħud u pprevalixxa ruħu mill-appell prinċipali, sabiex ressaq l-appell inċidentali tiegħu, fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li l-kalkolazzjoni tad-danni tiġi riveduta, sabiex tiżdied għas-somma ta' €83,905.01. Bl-ispejjeż kollha kontra s-soċjeta` konvenuta appellanti.

7. Rat ir-rikors imressaq mis-soċjeta` Trelleborg Sealing Solutions Malta Limited li permezz tiegħu talbet li l-Qorti tista' tgħaddi għas-

[22] Trevor Grech v Lawrence Agius – Qorti Ċivili, Prim'Awla, 17.10.2018.

sentenza, mingħajr il-ħtieġa ta' smigħ jew trattazzjoni orali, li għalih l-attur appellat wieġeb li ma jopponix għat-talba magħmula.

8. Rat id-digriet ta' din il-Qorti tas-16 ta' Novembru, 2021, fejn l-appell tħalla għas-sentenza għal-lum.

Ikkonsidrat:

9. Illi dan il-każ jitratta inċident fuq il-post tax-xogħol, fejn l-attur waqt li kien qiegħed jaħdem, ġarrab danni permanenti wara li seħħ inċident fil-fabbrika tas-soċjeta` konvenuta nhar it-22 ta' Jannar, 2009. L-attur talab li s-soċjeta` konvenuta tiġi dikjarata responsabbli għall-inċident li seħħ fejn huwa ġarrab danni fuq il-persuna tiegħu; li jiġu likwidati d-danni mġarrba minnu; u li s-soċjeta` konvenuta tiġi kkundannata tħallas lill-attur l-ammont hekk likwidat. Bl-ispejjeż kollha, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali u bl-imgħax skont il-liġi sad-data tal-ħlas effettiv.

10. Is-soċjeta` konvenuta ċaħdet ir-responsabbilta` għall-imsemmi inċident in kwantu ma taħtix għalih; ikkontestat ukoll il-grad ta' diżabilita` ċċertifikat mill-konsulent mediku nkarigat mill-attur; u peress li l-inċident seħħ fis-sena 2009 u l-kawża odjerna ġiet introdotta fl-2011, sentejn wara li seħħ l-inċident, hija m'għandhiex tiġi ppreġudikata minħabba d-dewmien tal-attur fil-benefiċċju tal-*lump sum deduction.*

11. Permezz ta' sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-20 ta' Mejju, 2021, il-kawża ġiet deċiża fis-sens illi: (i) iddikjarat illi l-inċident li seħħ fil-fabbrika tas-soċjeta` konvenuta fit-22 ta' Jannar, 2009, kien tort tal-istess soċjeta` konvenuta; (ii) illikwidat id-danni sofferti mill-attur fis-somma ta' €68,573.60 u (iii) ikkundannat lis-soċjeta` konvenuta tħallas lill-attur is-somma ta' €68,573.60. Bl-ispejjeż kollha, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-18 ta' Ġunju, 2010 u bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv.

12. Il-partijiet ħassewhom aggravati limitatament b'dik il-parti tas-sentenza li titratta l-likwidazzjoni tad-danni u għalhekk dik il-parti tas-sentenza fejn ġiet deċiża r-responabbilta`, illum tikkostitwixxi ġudikat. Min-naħa l-waħda, is-soċjeta` konvenuta ssejjes l-appell prinċipali tagħha fuq l-aggravju li l-ewwel Qorti ma kinitx korretta fil-kalkoli tagħha meta adottat l-FS 3 għas-sena 2010, peress li rriteniet li l-FS 3 tas-sena 2009 ma kinitx tirrifletti l-paga kollha; kif ukoll meta adottat il-paga tas-sena 2010, adottat paga li kienet aktar mill-*basic net wage* tal-appellat. Kwindi ssostni li l-ammont ta' danni akkordat mill-ewwel Qorti kellu jitnaqqas bis-somma ta' €17,481.80, sabiex l-ammont ta' danni li kellu jitħallas lill-attur bħala lukru ċessanti kellu jkun ta' €51,081.80.

13. Filwaqt li min-naħa l-oħra l-appell inċidentali tal-attur ukoll jattakka l-kalkolu tal-ewwel Qorti dwar il-likwidazzjoni tad-danni, fejn jikkontendi skont l-FS 3 għas-sena 2010, id-dħul tiegħu fir-rigward il-*basic pay* kien ta' €24,032, (li fil-verita` hija ndikata fuq l-FS 3 bħala l-paga grossa), li miegħu kellu jiżdied l-element tal-għoli tal-ħajja €303.76, filwaqt li konsidrat li l-attur kellu 22 sena meta weġġa', il-*multiplier* kellu jkun ta' 43. Kwindi jitlob riforma tas-sentenza appellata fis-sens li t-total tad-danni li għandu jiġi akkordat lilu għandu jkun ta' €83,905.01.

14. Illi għandu jingħad li għalkemm is-soċjeta` konvenuta appellanti prinċipalment tilmenta għall-fatt li l-ewwel Qorti adottat il-paga netta tas-sena 2010, minflok dik tas-sena 2009 meta seħħ l-inċident, fejn issostni li dik il-paga tas-sena 2010 kienet tinkludi madwar €8,600 bħala *overtime* (mentri dik tas-sena 2009 kienet tinkludi €1,923 bħala *overtime*), hija taqbel mal-ewwel Qorti sa fejn ġie adottat id-dħul nett tal-attur. Min-naħa l-oħra, għalkemm fl-appell inċidentali ma jingħatax wisq dettal, mill-kalkoli tal-attur, jirriżulta li huwa qiegħed jippretendi li jiġi adoperat id-dħul gross riżultanti mill-FS 3 tal-2010 għall-fini tal-komputazzjoni tad-danni *lucrum cessans*.

15. In kwantu għad-dħul li fuqu jiġu kalkulati d-danni bħala *lucrum cessans*, kuntrarjament għal dak li jingħad mis-soċjeta` konvenuta appellanti prinċipalment, fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet

**Silvan Farruġia v. Carmelo Gatt et** (Rikors Numru 359/2017) deciza fis-6 ta’ Ottubru, 2020, ingħad:

> “...*il-Qorti taghmel id-distinzjoni ta’ certezza o meno ... rigward il-mod kif jigi komputat id-damnum emergens u l-lucrum cessans. Fir-rigward tal-komputazzjoni tal-lucrum cessans il-linja tal-hsieb ta’ din il-Qorti hija illi din il-komputazzjoni ssir a bazi tal-paga gross mehud in konsiderazzjoni l-probabilita` kbira illi d-dannegjat jircievi zidiet fis-salarju tieghu fis-snin futuri kif ukoll l-incertezza li tigi kalkolata t-taxxa fuq qliegh li mhux daqstant facilment accertabbli bi precizjoni.*
>
> *21. Illi f’dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Carmela Muscat pen v. Francis Schembri et. (PA, 27/01/1972) fejn il-Qorti osservat li ghandha biss il-kompitu li tillikwida d-danni ghat-telf ta’ qliegh futur u mhux*
>
>> *“…taghmilha ta’ speci ta’ tax collector bir-rizultat li tiffavorixxi d-debitur tad-danni u taggrava lid-danneggata, in kwantu l-ewwel wiehed jigi jhallas inqas milli ghandu proprjament jigi likwidat u t-tieni wiehed, ghall-bzonn, ikun irid jerga’ jaraha mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni, bil-possibilita li jkun gie qiesu hallas it-taxxa darbtejn, darba lid-debitur u darba ohra, fuq is-somma gia minorata, lill-Gvern. Fi kwalunkwe kaz l-income tax ghandha tithallas lill-Gvern u mhux lid-debituri ta’ obbligazzjonijiet civili u l-kalkolu taghha jista’ jiddependi fuq diversi cirkostanzi, fir-rapport intern bejn il-Gvern u d-danneggat, li l-Qorti ma tkunx taf xejn fuqhom u ghalhekk il-Qorti lanqas ma ghandha biss tesprimi opinjoni, fuq haga li mhix ta’ kompetenza taghha.”*
>
> *In oltre kif intqal fil-kawza George Borg et v. Anthony Borg et (App 20/10/2008):*
>
>> *“Barra minhekk, il-fatt li l-Ewwel Qorti ma ghamlet ebda tnaqqis minhabba t-taxxa tad-dhul u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurta socjali ma ghandu jimpingi bl-ebda mod fuq il-kwantifikazzjoni tal-qliegh futur tad-danneggjat u dana billi huwa principju ormaj generalment accettat li huwa l-gross salary li huwa relevanti biex il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni kemm huwa dovut lid-danneggjat jekk dan jipprova l-kaz tieghu.”*

16. Hekk ukoll, kif ingħad minn din il-Qorti, fis-sentenza tagħha tas-27 ta’ Jannar, 2021, fil-kawża fl-ismijiet **Victor Fenech v. Malta Freeport Terminals Limited** il-kalkolu tad-danni bħala *lucrum cessans* għandu jkun imsejjes fuq id-dħul gross u mhux dak nett.

> *"F'każ bħal dan, din il-Qorti temmen li, fil-kejl tat-telf ta' qligħ għall-ġejjieni, il-likwidazzjoni għandha ssir fuq il-bażi tad-dħul gross tal-parti mġarrba, meħud b'qies il-fatt probabbli li, 'l quddiem u mal-medda taż-żmien (l-aktar fejn il-vittma tkun ta' età żgħira), ikun hemm żidiet jew titjib fil-paga jew fil-ħila tal-parti mġarrba li ttejjeb id-dħul tagħha. Dan, b'żieda mal-fatt tal-inflazzjoni u l-impatt li tħalli fuq is-saħħa tal-valuta, jagħmel it-tnaqqis fittizju ta' rata ta' taxxa fuq somma li tkun qiegħed titħallas f'daqqa, eżerċizzju ġudizzjarju ażżardat u x'aktarx arbitrarju;."*

Applikat l-istess prinċipju għall-każ in eżami, din il-Qorti taqbel mal-attur appellant inċidentalment li l-*lucrum cessans* kellu jiġi kkalkulat fuq id-dħul gross.

17. Fir-rigward tal-ilment tas-soċjeta` konvenuta appellanti prinċipalment dwar il-fatt li l-ewwel Qorti użat id-dħul tas-sena 2010, minflok tas-sena 2009, li kien jinkludi somma sostanzjali ta' sahra għal dik is-sena, din il-Qorti tapprezza l-ilment tas-soċjeta` konvenuta, fis-sens li s-sahra mhix dritt awtomatiku tal-ħaddiem, għaliex din tingħata skont il-bżonn, kif ukoll il-fatt li l-attur ikun ingħata dħul minn din is-sahra, ma huwa ta' ebda garanzija li dan ser jibqa' jingħata fil-futur u mingħajr ebda interruzzjoni. Min-naħa l-oħra, din il-Qorti ma tqisx li jkun ġust li teskludi l-probabilita` li l-attur kien ser jibqa' jagħmel is-sahra kull meta jingħata l-opportunita`. Fil-fatt huwa ritenut li, id-differenza sostanzjali fis-sahra bejn sena u oħra, huwa riżultat tal-fatt li f'dik is-sena li l-attur weġġa' fejn dam nieqes mix-xogħol għal madwar tliet xhur, (ara affidavit tal-attur a fol. 37) għalkemm ma tnaqqsitx il-paga bażika tal-attur, huwa kien limitat fl-ammont ta' sahra li ħadem, proprju konsegwenza tal-istess inċident u

f'dan is-sens għandu jinftiehem il-kumment tal-ewwel Qorti li l-FS3 tas-sena 2009, ma kinitx tirrifletti d-dħul kollu tal-attur fl-intier tiegħu.

18. Għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, fil-kalkolu li jrid isir, l-ewwel għandha tinħadem il-medja bejn il-paga grossa tas-sena 2009 (meta seħħ l-inċident u l-attur ħadem ftit sahra) u l-paga grossa tas-sena 2010 (meta l-attur ħadem ħafna aktar sahra), sabiex tirrifletti aħjar iċ-ċirkostanzi svarjati tal-ħajja. Kwindi €16,528 + €24,032= €40,560 ÷ 2 = €20,280, sabiex b'hekk wieħed jieħu qies ta' żidiet fil-paga tal-attur tenut kont tal-possibilta` li jaħdem is-sahra. (Ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tas-6 ta' Ottubru, 2020, imsemmija qabel, fil-kawża fl-ismijiet **Silvan Farruġia v. Carmelo Gatt et**). Imbagħad din il-figura għandha tiġi wkoll aġġustata sabiex tieħu qies ukoll ta' żidiet a bażi tal-għoli tal-ħajja matul il-perjodu tal-*multiplier,* li twassal għas-somma ta' €28,656. Kwindi s-salarju medju tal-attur matul il-perjodu tal-*multiplier* huwa mistenni jkun €20,280 + €28,656 = €48,936 ÷ 2 = €24,468. Fil-verita` din is-somma hija tabilħaqq viċin ħafna dik adottata mill-ewwel Qorti, iżda l-qofol ta' kif din il-Qorti waslet għaliha huwa daqsxejn differenti u f'dan is-sens qiegħda tilqa' parzjalment l-appell prinċipali u l-appell inċidentali limitatament sa fejn kompatibbli ma' dak hawn appena spjegat.

19. Fir-rigward tal-aggravju tal-attur appellant inċidentalment, fejn huwa jindika li l-*multiplier* kellu jkun dak ta' 43 (tenut kont li l-attur weġġa'

meta kellu 22 sena), dan ifisser li huwa jippretendi li jiġi adottat *multiplier* fejn bażikament titqies l-eta` lavorattiva ta' 65 sena u jsir sempliċi tnaqqis tal-eta` li kellu l-attur fil-mument tal-inċident. Iżda dan ir-raġunament tal-attur ma jieħux qies ta' dak li jissejjaħ bħala *chances and changes of life.* Kif spiss qalu l-Qrati tagħna:

> "*Il-Qorti trid .. taghmilha cara illi f'kazi bhal dawn ma tezisti l-ebda formula magika ...*"
>
> (Ara sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **Anthony Turner v. Francis Agius**, tat-28 ta' Novembru, 2003).

Dan għaliex kif ġie spjegat diversi drabi, il-Qorti meta tiġi biex tiddeċiedi kawża simili, qatt ma tista' tipprevedi tibdil fic-cirkostanzi tal-ħajja tal-persuna mweġġa'. Dan huwa rifless f'diversi sentenzi ta' din il-Qorti, uħud minnhom riportati fis-sentenza **Brian Micallef v. Brian Tyre Services Limited** deċiża minn din il-Qorti fil-31 ta' Jannar, 2014, fejn l-attur kellu 23 sena meta sehh l-incident u l-Qorti applikat *multiplier* ta' 35 sena.

20. Kif tghid l-awtriċi **Vivienne Harpwood:**

> "*Deductions may also be made by adjusting the multiplier downwards to allow for certain future contingencies. In an attempt to assess the appropriate sum which should be awarded for loss of future earnings, the courts gaze into the imaginary crystal ball, and try to make the award in the light of what might have been the claimant's future*." (**Modern Tort Law**) (ediz. 2009, paġna 438)

Dawn il-ħsibijiet huma riflessi ukoll fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Francis Gauci v. Jimmy Bugeja** (deċiża fis-27 ta' Novembru, 2009) fejn b'referenza għas-sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' Frar, 2003, fil-kawża fl-ismijiet **Francis Meilaq *et proprio et nomine* v. Brian Bonnici,** fejn ingħad:

> *"il-kuncett ta' "the changes and chances of life" gie introdott biex proprju jiggustifika temperament fil-komputazzjoni tad-danni a bazi tal-principju li hadd ma jaf il-futur u, ghalkemm persuna tista' tghix sa eta` avvanzata, l-hajja tghallimna mod iehor. Ghalhekk fl-eventwalita`, li d-danneggat, ghal xi raguni kompletament indipendenti mid-dizabilita` subita fl-incident, kellu jmut qabel ma jilhaq il-massimu tal-hajja lavorattiva tieghu, tkun saret ingustizzja mal-parti li kkawzat d-danni billi din tkun hallset ghall-perijodu meta effettivament d-dizabilita` tad-danneggat tkun ghal kollox irrelevanti billi dan ikun miet. Isegwi li d-danni li ghandhom jigu akkordati jridu jirriflettu l-bilanc li ghandu jintlahaq bejn d-dritt tad-danneggat u l-obbligu tad-danneggant. Tenut kont ta' dan isegwi li l-"working life expectancy" ma ghandux jigi, kif qatt ma gie, konsiderat kollu ghall-fini tal-fissazzjoni tal- "multiplier"."*

Applikati l-istess prinċipji għall-każ in eżami, sabiex id-danni akkordati jirriflettu l-bilanċ li għandu jintlaħaq bejn id-dritt tad-danneġġat u l-obbligu tal-danneġġant, tenut kont li l-attur kellu 22 sena meta seħħ l-inċident in kwistjoni, din il-Qorti tqis li l-ewwel Qorti għamlet sew li applikat *multiplier* ta' 35 sena. Għalhekk din il-parti tal-aggravju tal-appell inċidentali ma timmeritax li tintlaqa'.

21. Dwar ir-rata ta' diżabilita` mġarrba mill-attur, mhemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-perċentwal ta' 8%, akkordat mill-ewwel Qorti. Magħmula l-konsiderazzjonijiet kollha, id-danni dovuti lill-attur bħala

*lucrum cessans* huma: €24,468 x 35 x 8% = €68,510.40, li flimkien mal-ammont ta' €190 bħala *damnum emergens,* jagħmlu total ta' €68,700.40.

**Deċide**

Għal dawn ir-raġunijiet, tilqa' parzjalment l-appell prinċipali tas-soċjeta` konvenuta, kif ukoll l-appell inċidentali tal-attur, sabiex tvarja s-sentenza appellata u filwaqt li tikkonferma li s-soċjeta` konvenuta hija responsabbli għall-inċident in kwistjoni, tvarjaha fis-sens li tillikwida d-danni favur l-attur fis-somma ta' tmienja u sittin elf, u seba' mitt ewro u erbgħin ċenteżmu (€68,700.40) u tikkundanna lis-soċjeta` konvenuta tħallas lill-attur din is-somma, bl-imgħax mid-data tas-sentenza tal-ewwel Qorti, sad-data tal-ħlas effettiv.

Bl-ispejjeż in prim'istanza, kif deċiż mill-ewwel Qorti, filwaqt li s-soċjeta` konvenuta appellanti prinċipalment għandha tbati l-ispejjeż tal-appell prinċipali, l-attur appellant inċidentalment għandu jbati l-ispejjeż tal-appell inċidentali.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm